

31999R2680

L 326/16

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

18.12.1999

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2680/1999**tas-17 ta' Diċembru 1999****li japprova sistema ta' identifikazzjoni għall-barrin maħsuba għall-ġrajjet kulturali u sportivi**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 tal-21 ta' April 1997 li jstabbilixxi sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali bovini u t-tikkettjar ta' ċanga u prodotti taċ-ċanga⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talbiet magħmula minn Spanja, il-Portugall u Franza,

- (1) Billi Spanja, il-Portugall u Franza kienu għamli talbiet dwar l-identifikazzjoni ta' barrin maħsuba għall-ġrajjet kulturali u sportivi, minħabba diffikultajiet marbuta mat-tradizzjoni.
- (2) Billi huwa ġustifikat li jingħata kont ta' dawk it-talbiet, sakemm is-sistema li għandha tkun prevvista toffri garanziji ekwivalenti għal dawk prevvisti bir-Regolament (KE) Nru 820/97; billi d-dispożizzjonijiet speċjali li għandhom isiru għall barrin maħsuba għall-ġrajjet kulturali u sportivi għandhom ikunu limitati biss għall-imsielet; billi l-elementi l-oħra għas-sistema ta' identifikazzjoni kif jipprovdi għalihom l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 820/97 għandhom jiġu implimentati skond il-leġislażzjoni kurrenti tal-Komunità.
- (3) Billi għall-barrin maħsuba għall-ġrajjet kulturali u sportivi l-awtorità kompetenti għandha tagħżel wieħed mill-mezzi ta' mmarrar li ġejjin: (a) żewġ imsielet tal-plastik, (b) misluta jew tnejn tal-metall flimkien b'marka ta' identifikazzjoni, jew (ċ) misluta waħda tal-plastik flimkien mal-marka ta' identifikazzjoni; billi f'kull każ iż-żewġ imsielet maħsuba fil-leġislażzjoni kurrenti tal-Komunità għandhom ikunu mwaħħla ma' dawk l-annimali jew għandhom jakkumpanjawhom meta jkun suġġetti għall-kummerċ intra-Komunitarju.
- (4) Billi l-imsielet jistgħu jitneħħew mill-annimali maħsuba għal dawk il-ġrajjet qabel iċ-ċaqliq lejn il-post fejn tkun sejra tiġi organizzata dik il-ġrajja jew fil-fatma; billi meta jitneħħew iż-żewġ imsielet fil-fatma l-annimali għandhom jiġu mmarrati b'ħadida mikwija fl-istess żmien.
- (5) Billi rabtiet xierqa bejn l-elementi kollha ta' identifikazzjoni użati għandhom jiġu stabbiliti biex tiġi garantita koerenza u akkuratizza.
- (6) Billi minħabba li barrin maħsuba għall-ġrajjet kulturali u sportivi jistgħu jiġu mkabbra fi Stati Membri oħra wkoll, dawn id-dispożizzjonijiet speċjali għandhom japplikaw għall-Istati Membri kollha,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament preżenti jirreferi għall-barrin maħsuba għall-ġrajjet kulturali u sportivi reġistrati fil-kotba tal-merħla ta' l-organizzazzjonijiet li ġejjin:

- (a) — “Asociación nacional de ganaderías de Lidia”,
— “Asociación de ganaderos de Lidia unidos”,
— “Agrupación española de reses bravas”,
— “Unión de criadores de toros de Lidia”,

dwar ir-razza raża bovina de Lidia, għal annimali mwielda fi Spanja;

- (b) “Associação de Criadores de Toiros de Lide dwar ir-razza Brava għal annimali mwielda fil-Portugall”;
- (ċ) “Association des éleveurs Franza de taureaux de combat” dwar ir-razza *Brave* jew *de combat* u “Association des éleveurs de la Raço di biou” dwar ir-razza *Camargue* jew *Raço di biou*, għal annimali mwielda fi Franza (inkludi bastardi ta' dawn).

Artikolu 2

1. L-annimali definiti fl-Artikolu 1 għandhom ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet speċjali mniżżla fil-paragrafi 2 sa 5.

2. L-awtorita kompetenti għandha tagħżel wieħed mill-mezzi li ġejjin għall-immarrar ta' l-annimali:

- żewġ imsielet tal-plastik;
- misluta jew tnejn tal-metall flimkien ma' marka maħruqa;
- misluta waħda tal-plastik flimkien ma' marka maħruqa;

3. L-awtorita kompetenti tista' tneħħi l-imsielet mill-annimali maħsuba għal dawk il-ġrajjet qabel iċ-ċaqliq lejn il-post fejn il-ġrajja hija organizzata jew fil-fatma. Meta iż-żewġ imsielet jitneħħew mal-fatma, l-annimali għandhom jiġu mmarrati b'ħarqa fl-istess żmien.

4. F'kull każ, dak li jżomm dawn l-annimali għandu jkun fil-pussess taż-żewġ imsielet li jikkonformaw mal-leġislażzjoni kurrenti tal-Komunità. Meta dwak l-annimali jkun suġġetti għall-kummerċ intra-Komunitarju dawn iż-żewġ imsielet għandhom jiġu mwaħħla magħhom jew għandhom jakkumpanjawhom matul kull ċaqliq.

5. Rabtiet xierqa bejn l-elementi kollha ta' identifikazzjoni użati għandhom jiġu stabbiliti biex tiġi garantita koerenza u preċiżjoni;

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

⁽¹⁾ ĠU L 117, tas-7.5.1997, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membri tal-Kummissjoni
